## 11 ta' Ġunju, 1956

**Imħallfin:**

**Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., *President;***
**Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., L.L.D.**
**Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.**

**Carmelo Panzavecchia**
*versus*
**Costantino sive Zanzu sive Annunziato Caruana**

## Arrest Personali — Ġudikat — Kompetenza

*Meta kreditu jinsab kanonizzat b'sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ, ma tista' aktar tiġi diskussa n-natura tiegħu kummerċjali; billi, biex il-Qorti tal-Kummerċ ipprofferiet is-sentenza li kkanonizzat dak il-kreditu, neċessarjament irritenjiet ruħha kompetenti "ratione materiae", u għalhekk irritenjiet li l-att kien kummerċjali, almenu għall-konvenut; għax diversament kienet tiddikjara "ex officio" l-inkompetenza tagħha "ratione materiae".*

*Għal dina l-konklużjoni għandu wieħed jasal billi l-ġudikat jassorbixxi kull eċċezzjoni li, in meritu għall-azzjoni, kien imissha jew setgħet tiġi sollevata in relazzjoni ma' l-azzjoni stess; bil-konsegwenza li mhumiex ammissibbli eċċezzjonijiet ġodda li jkollhom bħala effett li jannullaw jew jillimitaw l-effetti ta' dak il-ġudikat.*

*Għaldaqstant, jekk il-kreditur, in segwitu għal dik is-sentenza, jintenta azzjoni kontra d-debitur biex dan jiġi kundannat għall-arrest personali, id-debitur ma jistax jeċċepixxi li l-kreditu mhux kummerċjali. Il-fatt imbagħad li, meta huwa ġie mħarrek fil-kawża l-oħra quddiem il-Qorti tal-Kummerċ, huwa ma ddeklinax il-kompetenza ta' dik il-Qorti, anzi jkun ammetta d-debitu tiegħu, juri li hu stess kien iħoss li hu kummerċjant, jew almenu kien kummerċjant fl-epoka tal-kontrattazzjoni tad-debitu; u għalhekk lanqas jista' jirrespinġi d-domanda għall-arrest personali tiegħu billi jallega li huwa mhux kummerċjant, sakemm ma jagħmel ebda prova li twaqqa' dik il-preżunzjoni.*

Il-Qorti; — Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ, li biħ l-attur talab li l-konvenut jiġi kundan-

nat għall-arrest personali sempliċi in eżukuzzjoni tas-sentenza ta' dik il-Qorti, fil-kawża fl-istess ismijiet fuq indikati, deċiża fid-29 ta' Ottubru 1954, li għaliha l-istess attur għamel riferenza. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-3 ta' Mejju 1955, li ddikjarat u ddeċidiet illi t-talba għall-eżenzjoni mill-arrest personali minħabba mard gravi tista' tiġi avanzata anki "in via d'eccezione" fil-ġudizzju kontra d-debitur għall-kundanna tiegħu għall-arrest personali:

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fl-20 ta' Marzu 1956, li biha ġiet respinta kull eċċezzjoni kuntrarja, u ġie deċiż adeżivament għall-istanza, bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Rat in-nota tal-appell tal-konvenut, u rat il-petizzjoni tiegħu, fejn talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, billi tiġi miċħuda t-talba tal-attur, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tiegħu;

Rat fil-fol. 45 in-nota tal-appellant, li biha ssolleva l-eċċezzjoni li l-attur ma għandux l-azzjoni eżerċitata, billi l-eċċipjent mhux kummerċjant;

*Omissis;*

**Ikkunsidrat;**

Illi b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tagħha r-Reġina fi-29 ta' Ottubru 1954 l-appellant ġie kundannat iħallas lill-attur appellat is-somma ta' £38.3.11, prezz ta' żebgħa u ġeneri affini, lilu mibjugħa u konsenjati, bl-imgħax tas-6% minn notifika tal-att taċ-ċitazzjoni, u bl-ispejjeż. Dik is-sentenza ġiet mogħtija fuq l-ammissjoni tal-konvenut, u l-lum għaddiet f'ġudikat. Bl-azzjoni preżenti l-attur talab li, in eżekuzzjoni tal-imsemmija sentenza tad-29 ta' Ottubru 1954, il-konvenut jiġi kundannat għall-arrest personali;

**Ikkunsidrat;**

Illi, skond il-liġi (art. 359(g) Proċ. Ċivili), il-Qorti tista' tilqa' t-talba għall-arrest tal-persuna għad-djun tal-kummerċ, basta d-debitur ikun kummerċjant. Fil-każ in eżami, kif

inghad fuq, il-kreditu li rigward tiegħu ġiet promossa l-azzjoni għall-arrest personali tad-debitur ġie kanonizzat b'sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ, bl-imgħax kummerċjali minn notifika tal-att taċ-ċitazzjoni. In-natura kummerċjali ta' dak id-debitu ma tistax tiġi diskussa, billi, biex il-Qorti tal-Kummerċ ipprofferiet l-imsemmija sentenza, neċessarjament irriteniet ruħha kompetenti "ratione materiae", u għalhekk irriteniet li l-att kien kummerċjali, almenu għall-konvenut; għax diversament kienet tiddikjara "ex officio" l-inkompetenza "ratione materiae". Għal din il-konklużjoni għandu wieħed jasal billi l-ġudikat jassorbixxi kull eċċezzjoni li, in meritu għall-azzjoni, kien imissha jew setgħet tiġi sollevata in relazzjoni mal-azzjoni stess; bil-konsegwenza li mhumiex ammissibbli eċċezzjonijiet ġodda li jkollhom bħala effett li jannullaw jew jillimitaw l-effetti ta' dak il-ġudikat (ara sentenzi ta' din il-Qorti tas-27 ta' April 1953, in re "Dagri vs. Dingli", u tat-2 ta' Marzu 1956 in re "Camilleri vs. D'Amato"). Infatti, il-ġudikat isir mhux biss rigward dak li ġie espressament diskuss, "ma ancora a quanto avrebbe dovuto discutersi e non fu discusso dalla parte che doveva discutere per la propria istanza od eccezione" (Vol. XXXIV-I-74);

**Ikkunsidrat;**

Illi l-appellant f'dina l-istanza oppona li huwa mhux kummerċjant, u għalhekk id-dispożizzjoni tal-liġi fuq ċitata ma tapplikax għalih. Iżda l-fatt li, meta huwa ġie mħarrek quddiem il-Qorti tal-Kummerċ għall-ħlas tad-debitu tiegħu, mhux biss ma ddeklinax il-kompetenza ta' dik il-Qorti, imma ammetta d-debitu tiegħu, u b'hekk irrikonoxxa dik il-kompetenza, juri li huwa stess kien iħoss li hu kummerċjant, jew almenu kien fl-epoka tal-kuntrattazzjoni ta' dak id-debitu; u ma saret ebda prova da parti tal-appellant biex twaqqa' din il-preżunzjoni;

***Omissis;***

Illi, in vista tal-konklużjoni raġġunta mill-espert ġudizzjarju nominat mill-Ewwel Qorti, l-eċċezzjoni tal-appellant li l-arrest tiegħu jista' jkun ta' konsegwenzi serji għal saħħtu ma ġietx pruvata b'mod soddisfaċenti;

Għaldaqshekk;

Tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż kontra l-konvenut appellant.